# Il-Kultura tas-Salvatur ġewwa Malta

minn Salvu Sammut



Fil-mixja tagħna madwar Malta u Għawdex biex infittxu u nkunu nafu aktar dwar il-kultura tas-Salvatur ġewwa pajjiżna, din id-darba se mmorru l-Qrendi.

Il-Qrendi nistgħu nipparagunawh mar-raħal tagħna. Raħal ċkejken, għalkemm fuq firxa ta' art pjuttost kbira. Raħal interessanti għal fdalijiet preistoriċi u prezzjużi għal kultura u l-istorja ta' art twelidna.

Dan ir-raħal sar parroċċa fis-sena 1618 u l-knisja tal-parroċċa kienet kompluta fis-sena 1655. Bħal fil-każ ta' bosta parroċċi, inkluż tagħna, l-ewwel knisja tispiċċa li tkun żgħira, dan jiġri għax il-popolazzjoni tikber. Il-knisja tal-preżent hija xogħol tal-arkitett bravu Lorenzo Gafà. Isem sinonimu għal din il-kwalità ta' xogħol. Dan l-isem żgur mhux ġdid għal min għandu għal qalbu u japprezza l-knejjes u l-katidrali, kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex. Sal-lum ix-xogħol fil-Barokk li ħareġ minn taħt idejh huwa meqjus fost l-aqwa.

Imxerrdin mar-raħal nsibu bosta kappelli, fosthom kappella sabiħa ddedikata lil San Mattew, u anke oħra ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Fil-qalba tar-raħal, fejn it-triq prinċipali li tagħti għall-parroċċa nsibu l-kappella ddedikata lis-Salvatur li huwa s-suġġett ta' din il-kitba.

Il-Qrendi huwa post li jippossjedi bosta bini interessanti li jmur lura għall-Preistoriku, u għal żmien il-Kavallieri. Nsibu torri famuż ottagonali li kien mibni għal familja privata bħala protezzjoni minn xi ħbit mis-sibbien li kienu jiġu fostna u jisirqu u jħarbtu dak kollu li jiġi għal idejhom.

Bini interesanti huwa wkoll il-Palazz "Guarena". Dan il-palazz kien mibni mill-Kavallier Pietro Rovero Di Guarena fis-sena 1740. Illum għadu fi stat tajjeb, indukrat u okkupat minn familja privata. Ħdejn it-tempji Preistoriċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra nsibu torri mibni mill-Gran Mastru Lascaris. Aktar riċenti meta Malta kienet taħt l-Ingliżi kien inbena mafkar lill-Gvernatur Concreve. Dan il-Gvernatur kien indifen fil-baħar, bejn Malta u Filfla. Il-

Qrendi huwa magħruf ukoll għal bosta barrieri u għal veduti tal-baħar.

L-ewwel kappella li kienet tinsab il-Qrendi hija dik iddedikata lis-Salvatur. Fis-sena 1575, preċiżament fid-9 ta' Frar, l-Isqof Dusina żar il-Qrendi li kien okkupat biss minn 44 familja. Din il-kappella kull ma kien fiha kien l-artal biss. Introjtu ta' flus ma kelliex, lanqas rettur biex jaqdi l-bżonnijiet tan-nies tal-lokal, biex iqaddes il-quddies u jamministra is-sagramenti u funzjonijiet oħra ma kellha. Kien biss Vincentius Aquilina li kellu xi raba' f'dawn l-inħawi, magħrufa bħala 'Il-Calcarti' li f'xi okkażjonijiet kien jorganizza xi quddies. Fil-festa, jiġifieri fis-6 ta' Awwissu, kien jorganizza wkoll quddies u kant tal-Vespri. Il-kappella li qed niktbu dwarha nbniet fis-sena 1658 u bniha minn flusu Benedetto Camilleri. Din il-kappella nbniet minflok oħra, fl-istess post u baqgħet iġġib l-istess titlu: dik tal-kappella tas-Salvatur. Il-benefattur ta' din il-kappella kien Dun Ġan Anton Camilleri li aktar tard ġie nnominat arċipriet tal-Matriċi ta' Għawdex. Dan il-qassis ħalla somma ta' flus konsiderevoli għall-benefiċċju u għall-manutenzjoni ta' din il-kappella.



Il-faċċata u l-posizzjoni li tinsab f'nofs it-triq. Wieħed jinnota ix-xebħ li jinsab bejn din il-kappella u l-knisja ta' Sant' Andrija.



In-naħa tax-xellug tal-kappella elevata mit-triq u biex tasal ġewwa trid titla' t-taraġ, kemm fil-faċċata u anke fil-ġenb.



L-uniku artal li jinsab fil-kappella llum b'Ġesù Sagramentat espost matul il-ġurnata għall-qima tal-poplu.

Il-kappella għandha artal wieħed u l-unika biċċa pittura li kien fiha kienet turi lil Ġesù bid-dinja f'idejh buex tirrappreżenta lil Ġesù Salvatur u sultan tad-dinja. L-Isqof Labini (1780-1807) kien ordna indulgenza ta' 40 ġurnata għal min jitlob it-talba tal-Missierna quddiem din ix-xbieha. Din il-pittura llum hija mitlufa.



Il-gallerija li tinsab fuq il-bieb prinċipali. Gallerija tal-ġebel bil-banavostri, imdawla minn tieqa għal aktar dawl. Kif tindika d-data din il-gallerija tmur lura għad-data ta' 1876.

Appena tidħol mill-bieb prinċipali, fuq l-istess bieb għandek issib gallarija tal-ġebel li ġġib id-data ta' 1876. Minħabba ċ-ċokon u l-ispazju ristrett, ma kienx possibli li jsir taraġ għaliha, għalhekk biex titla` għaliha trid tagħmel dan b'sellum.




L-isem tat-triq li fiha tinsab il-kappella tas-Salvatur; b'emblema tar-raħal fejn tinsab il-Qrendi.

Fil-bidu tas-snin sittin din il-kappella serviet bħala sala parrokkjali, għad-duttrina u għal-laqgħat reliġjużi. Serviet ukoll biex fiha jsiru attivitajiet biex jinġabru flus għall-bżonnjiet li l-knisja parrokkjali jkollha bżonn.

Ma nixtieqx ninsa nikteb li t-taraġ ta' din il-kappella serva għal ħafna rġiel tal-lokal biex jistkennu mix-xemx tas-sajf, u jgħidu xi kelma bejniethom u għamluh post fejn kienu jiltaqgħu biex jgħidu xi kelma jew jirrakkontaw minn xiex kienu għaddew tul ħajjithom b'xi storja jew rakkont.

## Kitbiet oħra li sibt fuq din il-kappella

Fir-raħal kwiet u pittoresk tal-Qrendi hemm kappella ddedikata lill-Kristu Salvatur li tmur lura għas-seklu sbatax. Inbniet min Benedittu Camilleri minflok oħra qadima, li ma kinitx fi stat tajjeb. Il-faċċata tagħha hi tipika ta' dawk iż-żminijiet, jiġifieri faċċata lixxa b'kampnar żgħir fin-nofs u tieqa tonda, maħsuba u mfassla biex idawwal il-post.

Fis-sena 1876 saru xi tibdiliet fiha. Infetħu żewġ twieqi fil-faċċata u sar portiku fuq il-bieb maġġur. Fuq ġewwa tpitter is-saqaf u saret għamla ta' prospettiva għall-kwadru titulari.



Id-disinn fil-korsija tas-saqaf li tinsab f'din il-kappella li hija miżmuma fi stat stupend.

Għall-arkittetura tagħha din il-kappella dejjem ġibdet l-attenzjoni tal-istudjużi, tal-arkitettura fosthom tal-Professur Quentin Hughes li kkummenta dwarha fl-ewwel studju tiegħu dwar l-arkitettura tal-ġżejjer tagħna.



Il-kappella min-naħa ta' wara wieħed jinnota l-aċċess għal fuq il-bejt. Interessanti kif jintħalaq b'sellum, minn taħt il-ġebel maħruġ 'il barra, li l-istess ġebel iservi biex tilħaq il-bejt.

Fit-Tieni Gwerra Dinjija meta Malta kienet taħt l-attakki tan-Nażisti u l-Faxxisti, din il-knisja tat kenn bħala dormitorju lil numru kbir ta' nies li ġew mill-Kottonera, li kellhom jevakwaw djarhom, f'dawk iż-żminijiet diffiċli li l-pajjiż għadda minnhom. Aktar 'il quddiem, fis-sena 1960, il-kappella ntużat bħala estenzjoni tal-iskola primarja. Din il-kappella ġiet restawrata fis-sena 1996 u preżentement qed tintuża għal-laqgħat reliġjużi u fiha qed ikun hemm l-adorazzjoni tul il-jum kollu.

Tneħħi xi affarijiet żgħar, din il-kappella hija tewmija mal-knisja ta' Sant' Andrija li hawn fir-raħal tagħna. Fis-sena 1999 taħt id-direzzjoni tal-Kappillan Ray Toledo din il-kappella tranġat għal kif oriġinarjament kienet qabel u tinsab fi stat eċċellenti. Illum il-ġurnata din il-kappella laħqet il-glorja tagħha, għaliex kuljum tilqa' lil Ġesù Sagramentat espost għall-qima u l-adorazzjoni tal-Qrendin jew għal min ikun jew ifettilu jgħaddi minn hemm.

Temmejna l-mixja ta' din id-darba li ħaditna l-Qrendi u għamilna ħolqa oħra fil-katina tal-kultura tas-Salvatur ġewwa Malta u Għawdex. Grazzi

tmur għall-għajnuna li sibt mingħand is-Sur Anthony Bezzina mill-Qrendi, il-ktieb *Bliet u Rħula Maltin* ta' Alfie Guillaumier u l-ħabib tiegħi Simon Sultana.

Nawgura festa sabiħa ta' ferħ, ta' ġid, u ta' għaqda, biex bħal snin oħra, din is-sena wkoll nagħtu l-isbaħ qima lill-maħbub tagħna Ġesù Trasfigurat. Viva s-Salvatur!

Grasshopper Bar

Għal xorb ġenwin

Prop. Salvu Pirotta

37, BAKERY STREET, LIJA

OREANA

STATIONERY / BAZAAR

For Toys, Stationery,
Haberdashery, Sweets,
Clothes, Photocopy Service,
Sub-Post Office

at L.Casolani Street,
Ta' Paris - B'Kara

*Behind St. Anthony Church*